

Brussell, 30 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7889/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0111 (COD)**

---

---

**EF 96  
ECOFIN 401  
CODEC 581  
ECB**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 125 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 fir-rigward tal-miżuri ta' intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 125 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 125 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.3.2026  
COM(2026) 125 final

2023/0111 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**li tikkonċerna**

**pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 fir-rigward tal-miżuri ta' intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 fir-rigward tal-miżuri ta' intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

### 1. SFOND

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2023) 226 final – 2023/0111 COD):	id-19 ta' April 2023.
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	it-13 ta' Lulju 2023.
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	l-24 ta' April 2024.
Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	mhux applikabbli.
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	il-5 ta' Marzu 2026.

### 2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni pproponiet pakkett ta' erba' atti emendatorji biex tirrifirma l-qafas għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet u l-Assigurazzjoni tad-Depożiti (CMDI). L-emendi proposti għad-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward ta' ċerti aspetti tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli (COM/2023/229 final) ġew adottati separatament mill-koleġislaturi bħala d-Direttiva (UE) 2024/1174. It-tliet atti li jifdal ipproponew emendi, rispettivament, għad-Direttiva 2014/59/UE, għar-Regolament (UE) Nru 806/2014, u għad-Direttiva 2014/49/UE.

L-objettivi ġenerali tal-proposta dwar is-CMDI kienu li jipproteġu aħjar l-istabbiltà finanzjarja u l-flus tal-kontribwenti, ikunu ta' tarka għall-ekonomija reali mill-impatt tal-fallimenti tal-banek u jsaħħu aktar il-protezzjoni tad-depożitanti. Il-proposta għandha l-għan li tilħaq dawk l-objettivi billi ttejjeb l-għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet użati għall-ġestjoni tal-falliment ta' banek iżgħar u ta' daqs medju. L-għodda ewlenija biex jintlaħaq dak l-għan hija li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jużaw fondi minn skemi ta' garanzija tad-depożiti biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' trasferiment f'każijiet li fihom il-kapaċità interna ta' assorbiment tat-telf ta' tali bank ma tkunx biżżejjed biex jaċċessa l-fond ta' riżoluzzjoni.

### 3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-emendi proposti għar-Regolament (UE) 806/2014, kif

adottat fl-ewwel qari, tirrifletti bis-sħiħ il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2025. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-ftehim. Il-punti ewlenin ta' dan il-ftehim rigward ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 huma dawn li ġejjin:

- Ir-regoli dwar l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti (SGD) sabiex ikun hemm aċċess għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni huma soġġetti għal regoli simili, u f'xi każijiet aktar stretti, dwar is-sekwenzjar, is-salvagwardji u r-rekwiżiti tal-kondiviżjoni tal-piżijiet, kif maqbul għad-Direttiva 2014/59/UE, u b'hekk jiġi żgurat li l-kapaċità interna ta' assorbiment tat-telf tal-banek tibqa' l-ewwel linja ta' difiża u l-flus tal-kontribwenti jkunu protetti sew.
- Il-governanza tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni hija riformata permezz ta' obbligi ta' konsultazzjoni addizzjonali li jinvolvu lill-Bord fis-sessjoni Plenarja tiegħu, li jsaħħu l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Bord.

#### **4. KONKLUŻJONI**

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riżultati tan-negożjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.